Parlament Ewropew
2019-2024

*Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali*

**2021/2633(RSP)**

29.4.2021

# ABBOZZ TA’ MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI

imressqa skont l-Artikolu 222(8) tar-Regoli ta' Proċedura

dwar l-inizjattiva taċ-ċittadini "End the cage age"
(2021/2633(RSP))

**Norbert Lins**
f'isem il- Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali



*Magħquda fid-diversità*

**B9-0000/2021**

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar l-inizjattiva taċ-ċittadini "End the cage age" (2021/2633(RSP))**

*Il-Parlament Ewropew,*

– wara li kkunsidra l-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej (IĊI) "End the cage age" (ECI (2018) 000004),

– wara li kkunsidra s-seduta pubblika dwar l-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej "End the cage age" tal-15 ta' April 2021,

– wara li kkunsidra l-mozzjoni għal riżoluzzjoni tal-Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 222(8) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jsaħħaħ iċ-ċittadinanza tal-Unjoni u jqawwi aktar il-funzjonament demokratiku tal-Unjoni billi jipprevedi, fost l-oħrajn, li kull ċittadin ikollu d-dritt li jipparteċipa fil-ħajja demokratika tal-Unjoni permezz ta' inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej;

B. billi jirrikonoxxi l-importanza tal-IĊI fit-tfassil tal-inizjattivi u l-iżviluppi tal-politika tal-UE;

C. billi s-suġġett tal-inizjattiva taċ-ċittadini proposta jirreferi għal "Mijiet ta’ miljuni ta’ annimali tal-irziezet tal-UE li jqattgħu kważi ħajjithom kollha f’gaġeġ, u dan jikkawża tbatija kbira";

D. billi l-objettivi tal-proposta ta' IĊE jirreferu għal fatt li "Il-gaġeġ jikkawżaw tbatija fuq għadd enormi ta' annimali tal-irziezet kull sena. Il-gaġeġ huma krudili u bla bżonn, peress li sistemi alternattivi li ma jużawx gaġeġ u jiggarantixxu benessri aħjar huma vijabbli.";

E. billi l-bidla fis-sistemi ta' akkomodazzjoni għal sistemi sħaħ ta’akkomodazzjoni mingħajr gaġeġ se teħtieġ investimenti addizzjonali u tinvolvi żieda fl-ispejjeż tal-produzzjoni li l-bdiewa se jkollhom iġarrbu;

F. billi qabel ma tiġi introdotta bidla sostanzjali bħal din għal akkomodazzjoni li ma tinvolvix gaġeġ, għandhom jiġu vvalutati l-ispejjeż tat-trasformazzjoni meħtieġa kemm fuq terminu qasir kif ukoll fuq terminu twil;

G. billi biex tiġi ffaċilitata bidla sostanzjali bħal din, għandhom jiġu żgurati l-appoġġ xieraq għall-investiment finanzjarju u l-kumpens għall-spejjeż ta’ produzzjoni aktar għoljin tal-bdiewa;

H. billi kwalunkwe bidla li tikkonċerna l-obbligi legali għall-akkomodazzjoni tal-annimali għandha tiġi prevista, il-livell ta' implimentazzjoni tar-regoli rispettivi dwar il-benessri tal-annimali fl-Istati Membri differenti tal-UE għandu jiġi kkunsidrat;

1. Jilqa' l-kontroll kontinwu tal-Kummissjoni tal-idoneità tal-leġiżlazzjoni eżistenti tal-UE dwar il-benessri tal-annimali bir-riżultati sal-2023;

2. Jistieden lill-Kummissjoni Ewropea tipprovdi politika tal-ikel aktar komprensiva biex tappoġġja l-bidla lejn sistema tal-ikel aktar sostenibbli b'appoġġ xieraq għall-bdiewa;

3. Jistieden lill-Kummissjoni tipproponi strumenti leġiżlattivi dwar il-biedja sostenibbli, b'mod partikolari fir-rigward tal-annimali fl-irziezet li attwalment jinżammu f'gaġeġ;

4. Jinnota li l-istrateġija "Mill-Għalqa sal-Platt" tappoġġa produzzjoni tal-annimali aktar sostenibbli u l-istabbiliment ta' ċirkwiti iqsar ta' prodotti tal-ikel;

5. Jistieden lill-Kummissjoni Ewropea tintensifika l-ħidma tagħha fil-qasam tal-benessri tal-annimali, b'mod partikolari, fil-kuntest tal-Patt Ekoloġiku tal-UE u l-Istrateġija "Mill-Għalqa sal-Platt";

6. Jistieden lill-Kummissjoni Ewropea u lill-Istati Membri jiżguraw li jitwettqu kontrolli effettivi fuq il-prodotti importati fir-rigward tar-rekwiżiti ta' kwalità u sikurezza u l-istandards tal-benessri tal-annimali tal-UE;

7. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tiżgura perjodu ta' tranżizzjoni suffiċjenti għall-bdiewa u għal dawk li jrabbu l-bhejjem ladarba jiġi propost att legali ġdid li jipprojbixxi l-annimali tat-trobbija fil-gaġeġ;

8. Jenfasizza l-importanza li jingħata appoġġ lill-bdiewa, li se jibdew jipprattikaw biedja aktar sostenibbli, billi jiġu pprovduti inċentivi u programmi finanzjarji adegwati;

9. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, kif ukoll lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri.